# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 29 ta' Novembru 2019**

**Numru 4**

**Rikors maħluf numru 503/2011 SM**

***Boris Arcidiacono Limited***

***v.***

***HSBC Bank Malta p.l.c.*; u b'dikriet tal-20 ta' Ġunju 2012 issejjaħ fil-kawża l-Avukat Adrian Delia**

1. Dan huwa appell tas-soċjetà attriċi minn provvediment mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-26 ta' Ottubru 2017 li bih ċaħdet talba tal-istess attriċi biex titneħħa mill-inkartament tal-kawża t-tweġiba tas-soċjetà konvenuta għar-rikors maħluf tal-attriċi. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. Is-soċjetà attriċi kienet kisbet faċilitajiet ta' self mill-bank konvenut u, fuq struzzjonijiet tal-attriċi, il-bank ħallas diversi kredituri tal-attriċi billi iddebita l-kont li l-attriċi kellha mal-bank. Iżda l-bank għamel ukoll ħlas

lill-avukat imsejjaħ fil-kawża li l-attriċi tgħid illi ma kienx awtorizzat minnha. Għalhekk fetħet din il-kawża tallum u talbet illi l-ammont imħallas lill-avukat, u l-imgħax li għadda fuq dan l-ammont, ma jitqisux debitu tal-kont tagħha.

3. Wara li bdiet tinġabar ix-xiehda, fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2017 quddiem l-ewwel qorti tniżżel dan il-verbal:

> »Meta ssejhet il-kawza deher Dr Tonio Azzopardi għas-soċjetà rikorrenti rappreżentata minn Boris Arcidiacono.
>
> »Deher Dr Louis Cassar Pullicino għall-bank intimat rappreżentat minn Dr Ralph Agius Fernandez.
>
> »Il-kjamat in kawża msejjaħ diversi drabi ma deherx.
>
> »Dr Cassar Pullicino jinforma lill-qorti illi x-xhud imħarrka mis-soċjetà rikorrenti, Anne Camilleri, tobbliga ruħha li tattendi għas-seduta li jmiss.
>
> »Xehdet bil-ġurament Audrey Ghigo.
>
> »Xehdet bil-ġurament Dr Silvana Zammit Demicoli.
>
> »Dr Tonio Azzopardi għas-soċjetà rikorrenti, filwaqt li jagħmel referenza għar-risposta maħlufa ta' *HSBC Bank Malta Ltd* li ġiet maħlufa mill-Avukat Silvana Demicoli quddiem il-P.L. Catherine Fenech, jitlob l-isfilz tar-risposta maħlufa peress illi l-bank ma jridx jeżenta lix-xhud mis-sigriet professjonali, u b'hekk qiegħed jipprova jċaħħad lis-soċjetà rikorrenti milli tikkontro-eżamina lix-xhud. Dr Azzopardi jissottometti li kull prova li ma tistax tkun soġġetta għall-kontestazzjoni u skrutinju permezz tal-kontro-eżami m'hemmx postha fil-proċess ta' kawża ċivili u ma tistax tkun ammissibbli bħala prova. Hekk il-bank irid jagħżel bejn li jeżenta lix-xhud biex tkun tista' tiġi kontro-eżaminata kif inhu xieraq jew jagħżel li r-risposta ġuramentata ta' xhud ma tistax tifforma parti mill-provi proċesswali. *Tertium non datur*.
>
> »Dr Cassar Pullicino għall-bank intimat joġġezzjona għal din it-talba għal raġunijiet segwenti.
>
> »Fl-ewwel lok: ix-xhud in kwistjoni ġiet prodotta llum mis-soċjetà attriċi bħala xhud tas-soċjetà attriċi.
>
> »It-tieni lok: teżisti distinzjoni netta bejn ir-rwol ta' avukat u dik ta' rappreżentant għall-finijiet tal-proċeduri odjerni. Għandu jkun ċar illi l-fatt illi-xhud in kwistjoni ġiet debitament awtorizzata ma jwassalx għall-eżenzjoni awtomatika jew għal rinunzja tal-obbligi tal-istess xhud *in vesti* tagħha ta' avukat għal rigward is-sigriet professjonali. F'kull każ, it-talba li qed issir odjernament sabiex tiġi sfilzata r-risposta ġuramentata hi waħda insostenibbli u abbużiva meta wieħed jikkonsidra l-fatt li sal-lum is-soċjetà attriċi ngħatat l-opportunità li tipproduċi xhieda bil-provi minn diversi rappreżentanti tal-bank intimat f'ħafna okkażjonijiet jiġu prodotti l-istess individwi sabiex jixhdu għal darba, tnejn,

tlieta u li allura hu issa ferm evidenti illi s-soċjetà attriċi qiegħda tieħu vantaġġ mill-inċident li seħħ illum sabiex tipprova tottjeni vantaġġi proċedurali estremi f'ċirkostanzi fejn hi diġà kellha u għad għandha l-opportunità li tipproduċi x-xhieda kollha idonji mill-bank intimat.

»Il-qorti rat it-talba tas-soċjetà rikorrenti u r-risposta tal-bank intimat. Tirrileva illi kull ma talbet ix-xhud Dr Silvana Zammit Demicoli kien li bħala avukat jiġi salvagwardat lilha d-dritt tal-kunfidenzjalità, u dan kemm bħala dritt professjonali kif ukoll bħala dritt naxxenti mill-artiklu nru 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem. Illi t-talba tas-soċjetà rikorrenti naxxenti mill-istess li tiġi sfilzata r-risposta tas-soċjetà intimata tikser il-prinċipju tal-proporzjonalità u dan *stante* li l-asserzjoni tad-dritt qatt ma’ jista' jwassal għal rimedju postulat lis-soċjetà rikorrenti. Għaldaqstant tirrespinġi t-talba.

»Dr Tonio Azzopardi jissottometti illi x-xhud irrinunzjat għas-sigriet professjonali meta ippreżentat ir-risposta tal-bank maħlufa minnha u li hekk irrinunzjat għall-vinkolu professjonali.

»Dr Azzopardi f'dan l-istadju jitlob li jidderiġi ruħu.

»Il-kawża ġiet differita għat-28 ta' Novembru 2017 fil-11.30 *a.m.* għall-provi tas-soċjetà rikorrenti.«

4. B’rikors tat-2 ta’ Novembru 2017 is-soċjetà attriċi talbet lill-ewwel qorti tħassar *contrario imperio* dan id-dikriet. Ma jidhirx li ngħata provvediment finali fuq dan ir-rikors.

5. Imbagħad, b’rikors tat-30 ta’ Novembru 2017 is-soċjetà attriċi talbet lill-ewwel qorti fakoltà taħt l-art. 229(3) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili biex tappella mid-dikriet tas-26 ta’ Ottubru 2017. Wara li l-ewwel qorti b’dikriet tal-14 ta’ Diċembru 2017 tatha fakoltà tagħmel hekk, is-soċjetà attriċi appellat mid-dikriet b’rikors tal-11 ta’ Jannar 2018, li għalih is-soċjetà konvenuta wieġbet fis-26 ta’ Jannar 2018.

6. Billi fit-tweġiba tagħha s-soċjeta konvenuta ressqet eċċezzjoni ta’ nullità tal-appell tal-attriċi, il-qorti sejra tibda billi tqis din l-eċċezzjoni għax, jekk tintlaqa’, l-appel jieqaf hawn.

7. L-eċċezzjoni tgħid hekk:

> »Illi preliminarjament l-appell intavolat mis-soċjetà appellanti huwa irritu u null in kwantu, u fl-ewwel lok, id-digriet li permezz tieghu l-ewwel onorabbli qorti approvat it-talba sabiex jitressaq dan l-appell f'dan l-istadju tal-proċeduri ma ngħatax u nqara mill-ewwel qorti f'seduta kif titlob il-liġi iżda minflok jidher li ngħata kameralment, u, fit-tieni lok, inkwantu qed isir appell mid-digriet li ngħata fis-26 ta' Ottubru 2017, it-talba li saret sabiex isir appell permezz tar-rikors tat-30 ta' Novembru 2017 kienet tardiva u kwindi l-ewwel Qorti ma kienx imissha laqgħet it-talba f'dan ir-rigward u dan billi skont l-art. 229(3) tal-Kap. 12 it-talba kellha ssir fi żmien għaxart ijiem minn meta d-digriet ingħata fl-udjenza.«

8. Ir-raġunijiet ta' nullità mressqa mill-konvenuta huma tnejn: i. id-dikriet tal-14 ta' Diċembru 2017 li bih l-ewwel qorti tat lill-attriċi fakoltà tappella mid-dikriet tas-26 ta' Ottubru 2017 ingħata *in camera* flok inqara fil-qorti bil-miftuħ; u ii. it-talba magħmula bir-rikors tat-30 ta' Diċembru 2017 biex tingħata fakoltà ta' appell saret wara li kien għalaq iż-żmien mogħti għalhekk fl-art 229(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

9. Dwar l-ewwel raġuni ta' nullità l-art. 229(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid hekk:

> »(5) Il-qorti għandha, kemm jista' jkun mingħajr dewmien, tagħti digriet waqt seduta bil-miftuħ dwar it-talba għal permess speċjali sabiex isir appell skont is-subartikolu (3) … b'mod illi tiddikjara fid-dettall ir-raġunijiet li wassluha għad-deċiżjoni tagħha.«

10. Relevanti wkoll, iżda, huwa l-art. 229(10):

> »(10) Meta digriet interlokutorju jkun ingħata *in camera*, dan għandu għall-għanijiet ta' dan l-artikolu u għall-għanijiet tal-kalkolu ta' kull żmien li jkun hemm fih stabbilit, jitqies bħala li jkun inqara bil-miftuħ fil-qorti fid-data tal-ewwel seduta ta' dik il-kawża li tiġi minnufih wara li jkun ingħata d-digriet mill-qorti *in camera.*«

11. Id-dikriet li bih jingħata l-permess għall-appell hu wkoll dikriet interlokutorju u għalhekk tgħodd għalih id-disposizzjoni tal-art. 229(10) li tikkontempla l-possibilità, minkejja dak li jingħad fl-art. 229(5), illi d-

dikriet jingħata *in camera.* Għalhekk l-ewwel raġuni mressqa mill-konvenuta ma twassalx għan-nullità tal-appell.

12. It-tieni raġuni hi illi t-talba biex jingħata l-permess għall-appell saret wara li għalaq iż-żmien mogħti għalhekk fl-art. 229(3):

> »(3) Ħlief kif provdut speċifikatament mod ieħor f'dan il-Kodiċi, appell minn kull digriet interlokutorju ieħor li mhuwiex inkluż fis-subartikoli (1) u (2) jista' jsir biss qabel is-sentenza definittiva jekk il-qorti li tkun qed tittratta l-każ tagħti permess speċjali sabiex dan isir, liema permess għandu jintalab b'rikors li jiġi preżentat fi żmien għaxart ijiem mill-jum meta d-digriet jinqara bil-miftuħ fil-qorti. … … …«

13. Id-dikriet ingħata fis-26 ta' Ottubru 2017 u r-rikors għall-permess biex isir appell sar fit-30 ta' Novembru 201: ferm aktar mill-għaxart ijiem li tagħti l-liġi.

14. Tassew illi l-attriċi, fit-2 ta' Novembru 2017, kienet talbet permess, ukoll taħt l-art. 229(5), biex l-ewwel qorti "tikkonsidra mill-ġdid id-deċiżjoni tagħha" tas-26 ta' Ottubru 2017. Il-fatt iżda li hemm pendenti talba għal rikonsiderazzjoni mill-ewwel qorti ma jissospendix it-terminu biex issir talba għal permess biex isir appell quddiem din il-qorti. Anzi, sakemm għadha pendenti t-talba għal rikonsiderazzjoni ma jistax isir ukoll appell quddiem din il-qorti, għax dan jista' jwassal għal deċiżjonijiet konfliġġenti dwar l-istess kwistjoni.

15. Tassew ukoll illi l-attriċi għandha jedd li jkollha deċiżjoni fuq it-talba tagħha għal rikonsiderazzjoni, iżda r-rimedju tagħha huwa illi tinsisti mal-ewwel qorti li jingħata l-provvediment relativ u mhux li tressaq appell wara li jkun għalaq iż-żmien għalhekk. Ladarba l-appell tallum huwa mid-dikriet tas-26 ta' Ottubru 2017 u mhux minn dak li għamlet

jew ma għamlitx l-ewwel qorti fuq ir-rikors tat-2 ta' Novembru 2017, it-terminu biex jintalab permess biex isir appell minn dak id-dikriet beda għaddej minn dakinhar li ngħata, *viz.* mis-26 ta' Ottubru 2017. Ir-rikors tat-30 ta' Novembru 2017 għalhekk sar tard.

16. Il-qorti għalhekk tilqa' l-eċċezzjoni ta' nullità tal-appell u ma tqisx aktar l-appell. Tordna li l-atti jintbagħtu lura lill-ewwel qorti sabiex jitkompla s-smigħ.

17. L-ispejjeż ta' dan l-episodju tħallashom l-attriċi appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
mb